**Qorti tal-Magistrati (Malta)**

**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr Simone Grech LL.D**

**Il-Pulizija**

**vs**

**Ryan Falzon**

Illum, 30 ta' Ottubru 2019

Il-Qorti

Rat l-imputazzjonijiet imressqa kontra Ryan Falzon ta' 31 sena iben Emmanuel u Simone nee' Mangion imwieled Pieta fis-27 ta' Mejju 1986 u residenti Birguma Heights Apts, C1, Triq Andrea Debono, Naxxar/ D1, Birguma Heights Triq Andrea Debono, Naxxar detentur tal-karta ta' l-identita numru 247586(M) fejn Falzon gie akkuzat li:

*"Nhar il-gimgha is-27/10/2017 ghal habta ta' 20.45hrs gewwa l-ghassa tal-Pulizija tan-Naxxar, li tinsab gewwa fond 6, Triq iz-Zenqa, Naxxar*

1. *Volontarjament ksirt il-bon-ordni jew il-kwiet tal-pubbliku b' ghajjat jew storbju.*

   *Il-Qorti hija gentilment mitluba li f' kaz ta' htija minbarra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mill-ligi, tordna lill-imsemmija persuna sabiex thallas l-ispejjez li ghandhom x' jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti jekk ikun il-kaz kif provdut fl-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-ligjiet ta' Malta"*

Rat id-dokumenti ezebiti.

Semghet il-provi mressqa;

Semghet trattazzjoni;

Rat li din il-kawza kienet miexja u tinstema' kontestwalment flimkien mal-kawzi Pulizija vs Simone Falzon, Pulizija vs Peter Paul Cortis u Pulizija vs Rita Cortis et.

Rat li l-kawza kienet differita ghal-lum ghas-sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

**Ikkunsidrat:**

**Provi Prodotti**

Gew ipprezentati affidavits ta' PS 1021 Christian Cauchi, ta' PC 300 u ta' PC 873 D Attard. Ma ntalabx li jsir kontroezami ta' dawn ix-xhieda.

Xehdu *viva voce:*

**Peter Paul Cortis** xehed li huwa missier Daniela Falzon. Qal li huwa kien gol-ghassa tal-pulizija tan-Naxxar, go kamra flimkien ma' martu.Qal li huwa baqa' hemm u ra lil Ryan Falzon diehel go l-ghassa. Qal li kien fil-bieb tal-kamra izda rahom dehlin. Qal li ra lil Ryan Falzon jipponta lis-surgent filwaqt li sostna li la qed jipponta, Falzon kien qed jhedded. Qal li imbaghad l-pulizija harguhom 'il barra. Qal li meta kienu fil-bankina, Ryan Falzon beda jghajjat u hu qallu li kieku l-Avukati kollha bhalu ma timxix id-dinja. Qal li huwa ra lil mara tieghu timbotta lil Ryan Falzon ghax kien ser jiehu lit-tifla minn idejn bintu. Sostna li martu ghamlet bhalma taghmel kull omm biex tiddefendi lil bintha.

Insista li bintu kienet bit-tifla fuqha u kienet qieghda taghmel ir-rapport. Sostna li bintu baqghet izzomm lil bintha l-hin kollu. Spjega li ma' Ryan Falzon kien hemm ommu u huh. Qal li dawn dahlu rrabbjati gewwa l-ghassa. Sostna li dan Ryan Falzon beda jghid li t-tifla ma ghandhiex fejn torqod u sabiex tal-Appogg jigu kkuntatjati. Dan il-kliem intqal b' ton ta' rabja. Qal li l-familja ta' Falzon gew imkeccija 'l barra mill-ghassa u wara li bintu kompliet taghmel ir-rapport, gew skortati 'il barra. Qal li huwa ma rax lil Daniela Falzon taghti daqqa lil Ryan Falzon. Qal li ra lil Simone Falzon taghti daqqa lil martu, tant li martu kellha tmur il-policlinic. Sostna li ma jiftakarx x' ghamlet martu wara li laqtet daqqa minghand Simone Falzon. Spjega li Ryan Falzon beda jghajjat fit-triq waqt li huma kienu qed jigu skortati.

In **kontroezami,** huwa spjega li huwa dejjem baqa' fejn il-bieb tal-kamra fl-ghassa tal-pulizija. Mistoqsi f' liema direzzjoni mbuttat martu lil Ryan Falzon, huwa sostna li ma jafx. Spjega li l-kamra fejn kien qieghed, tinsab fuq ix-xellug. Sostna li huwa kellem biss lil Ryan Falzon meta kien hiereg. Huwa insista li qatt ma qal xejn fl-ghassa. Qal li huwa halla f' idejn martu biex tiddefendi lil bintu. Qal li huwa obda l-ordni tal-pulizija biex ma johrogx minn fejn kien. Sostna li l-pulizija bezghu minn Ryan Falzon.

**Rita Cortis** xehdet li bintha cemplitilha fis-27 ta' Ottubru u qaltilha li hija msakkra barra. Hija qalet li marret tghin lil bintha u qaltilha biex tmur l-ghassa taghmel rapport. Hi u zewgha marru l-ghassa u dahlu lkoll flimkien. Spjegat li s-surgent qal lilha u liz-zewg biex jistennew lil binthom fil-waiting area waqt li binthom qed taghmel ir-rapport. Ghal xi disgha neqsin kwart, dahal Ryan Falzon quddiem nett b' ommu warajh. Kurt qaghad lura kemm seta'. Spjegat li Ryan Falzon dahal b'raghwa kbira, jghajjat gol-Ghassa u beda jhedded. Sostna li beda jipponta subghajh lejn is-surgent u jordnalu biex icempel lill-Appogg halli t-tifla jehduha tal-Appogg ghax ma ghandix fejn toqghod.

Qalet li hija kienet fejn ir-ragel izda xhin semghet dak il-kliem, ma felhitx. Bdiet tara lil Ryan Falzon jipponta subghajh lejn it-tifla taghha biex jehdilha lit-tifla. Qalet li hija mbuttatu biex ma jersaqx lejn it-tifla u taghtu daqqa ta' harta. Qalet li l-ghassa mhux kbira u x'hin imbuttatu resaq izjed il-quddiem. Qalet li imbaghad giet Simone Falzon u tatha daqqa go wiccha u tajjritilha n-nuccali. Sostniet li Simone Falzon wegghet fuq in-naha tal-lemin. Insistiet li hija waqfet u ma ghamlet xejn wara li laqtet daqqa minghand Simone Falzon. Qalet li baqghet fejn kienet. Spjegat li n-neputija taghha baqghet imhaddna ma' ommha. Sostniet li bintha kienet qed taghmel rapport u ma rathiex taghmel xi moviment lejn Ryan Falzon. Qalet li Ryan Falzon u ommu bdew jghidu xi kliem izda insiet x' intqal. Ma tiftakarx xi kliem kienet qalet hi. Spjegat li s-surgent talabhom johorgu 'l barra u huma baqghu gewwa jaghmlu r-rapport. Qalet li l-pulizija cemplu ghal iktar pulizija minn Birkirkara ghax raw li s-sitwazzjoni qed tiggrava u skotawhom 'il barra. Qalet li hija hadet lil bintha d-dar. Spjegat li barra fit-triq kien hemm Ryan Falzon, Simone Falzon u Kurt Falzon u dawn bdew jghajjtu u jghidu certu kliem izda nsiet xi kliem inghadd.

In **<u>kontroezami,</u>** hija spjegat li bintha cemplet lil Kurt Falzon meta kienu fil-waiting area ta' l-ghassa. Spjegat li n-neputija taghha kellmet lil Kurt fuq it-telefon u qaltlu ghaliex ghamiltilna hekk u li ha torqod barra. Sostniet li meta mbuttat lil Ryan Falzon, dan gie kwazi hdejn bintha. Sostniet li mbuttatu minn wara min-naha ta' rasu. Sostniet li zewgha baqa' fil-kamra. Sostniet li hija ma tafx ghalfejn is-surgent u l-pulizija qal haga ohra minn dak li gara. Spjegat li bid-daqqa li tatha Simone Falzon tajritilha n-nuccali li kien fuq rasha. Ma tafx ghalfejn dan il-fatt ma tnizzilx mill-pulizija. Cahdet li hija tat daqqa lil Simone Falzon.

**<u>Ryan Falzon</u>** xehed li fis-27 ta' Ottubru 2017, kien qieghed ghand ommu u kien hemm huh dak il-hin. Spjega li huh kien qed jissepara minn ma' Daniela. Spjega li huh irceiva telefonata mill-mobile ta' Daniela u ghamlu loud-speaker. Spjega li nstema' lehen it-tifla ta' tmien snin. Spjega li Daniela kienet telqet u hadet it-tifla u huma ma kinux jafu fejn kienet it-tifla ghalkemm kellhom suspett li qeghda ghand is-sinjuri Cortis. Spjega li t-tifla ta' Kurt qaltlu li ma ghandhiex fejn torqod ghax keccihom 'il barra u n-nannu ma jridhomx lura. Spjega li fil-background tat-telefonata nstema' missier Daniela jghid biex jaraw x' ser jaghmlu. Spjega li t-telefonata waqfet hemm u huwa ssuggerixxa li jmorru l-ghassa.

Spjega li fit-triq lejn l-ghassa, huwa cempel lil Pulizija u qabduh ma' tal-Appogg u spjegalhom x'gara. Qal li huwa dahal l-ghassa tan-Naxxar b' ommu u huh warajh izda huwa nduna li kien hemm il-mara ta' huh u l-genituri taghha u qalilhom biex joqghodu barra. Spjega li l-genituri ta' Daniela kienu fuq naha mentri Daniela kienet bit-tifla taghmel rapport. Spjega li dahal fejn is-surgent u beda jispjegalu

x' gara izda lanqas lahaq fetah halqu li l-genituri ta' Daniela u Daniela bdew jghajjtu. Spjega li s-surgent qallu biex jistenna barra u huwa wiegbu li jistenna barra basta qabel titlaq it-tifla minn hawn, din tigi mitkellma minn tal-Appogg. Spjega li s-surgent talbu johrog minhabba minhabba l-ghajjat li kien hemm.

Spjega li f' dak l-ghajjat kollu, giet Rita Cortis min-naha tax-xellug u tfajjarlu daqqa (mhix ta' harta kif qieghda fuq l-affidavit tal-pulizija) bil-parti ta' idha li tigi ftit il-fuq mill-polz u cioe' bl-ghadma tal-pala ta' idha. Qal li din kienet tekwivali ghal daqqa ta' ponn ghax ghajnejh tbenglu u ghamel gimgha l-Qorti jigri b'ghajnejh sewda. Qal li huwa baqa' xxukjat u ommu li kienet warajh imbuttatha biex twaqqaf lil Rita Cortis milli tibqa' taghtih. Rita Cortis tat imbaghad lil ommu u hargitilha demm minn halqha. Spjega li huh ma ccaqlaqx. Qal li qamu tlett pulizija u f' dak il-hin qamet Daniela bit-tifla f'idejha u taghtu daqtejn bis-sieq gol-pexxun ta' saqajh. Qal li ma jiftakarx f' liema sieq ghaliex kien qieghed dak il-hin ihoss l-ugigh f' ghajnejh. Qal li l-pulizija ferrquhom u hargu 'l barra filwaqt li Peter Paul Cortis ghajjru Avukat bicca tal-art u hafna diskors bhal dan. Spjega li Rita Cortis bdiet thedded li mhux ser jorqdu d-dar illejla u issa tara x'inhu gej ghalihom u hafna diskors minn dan. Qal li huwa sikket lil ommu u lil huh u qalilhom biex ma jghidu xejn. Qal li cempel lil Dr Abela li kellem lil pulizija. Qal li imbaghad hargu u t-tifla thalliet titlaq. Qal li damu fuq tlett xhur ma jaraw lit-tifla. Spjega li Daniela Falzon u l-genituri taghha kienu hemm biex jaghmlu rapport ghaliex kienet qed tallega li huh kien keccieha mid-dar. Ikkonferma li l-incident sehh filghaxija ghal habta tat-tmienja.

In **<u>kontroezami ,</u>** huwa sostna li d-diskors kollu sar gewwa l-ghassa. Qal li huwa kien kalm ghax imdorri f' dawn l-affarijiet f' xoghlu. Sostna li kienu Daniela u l-genituri taghha li qajjmu storbju u insistew biex hu johrog mill-ghassa. Qal li huwa tkellem mal-pulizija u gholla lehnu biex jadattah ghas-sitwazzjoni li kien hemm fl-ghassa. Qal li huwa dahal fl-ghassa fil-vesti tieghu ta' avukat ta' huh. Gholla lehnu ghax kien hemm l-istorbju. Insista li huwa fl-ebda mument ma kellem lill-genituri ta' Daniela Falzon. Qal li dan l-incident ha biss ftit minuti.

**<u>Daniela Falzon</u>** spjegat li fis-27 ta' Ottubru 2017, hija kienet il-bandli tal-Mosta bit-tifla ghal xi sebgha ta' filghaxija. Spjegat li marret id-dar u ma setghetx tiftah ghax is-serraturi ma kinux qed jaqblu mac-cwievet li kellha. Hija cemplet lil ommha li qaltilha biex tmur l-ghassa taghmel rapport. Hija qalet li marret l-ghassa u gew il-genituri taghha maghha. Lil genituri taghha qalulhom biex jistennewha f' kamra sakemm hi taghmel ir-rapport. F' dak il-hin PS 1021 cempel lil Kurt Falzon biex jitolbu jaghtiha c-cavetta izda dan ma riedx jghaddilha kopja tac-cavetta.

Spjegat li bintha cemplet lil missierha u qaltlu li hu jridhom jorqdu barra. Imbaghad hija qalet li gie Ryan Falzon u dan kien segwit minn ommu u huh Kurt. Insistiet li dawn dahlu ghalihom tant li Ryan Falzon beda jhedded lil Pulizija u jordnalhom izommu t-tifla. Qalet li t-tifla kienet fuqha u kienet imbezza'. Sostniet li l-pulizija ppruvaw jikkalmawhom u talbuhom jistennew barra. Qalet li Ryan Falzon baqa' jghajjat gol-ghassa u jipponta subghajh lejha u lejn bintha filwaqt li beda jghid li ser izzom it-tifla u li l-pulizija ghandhom icemplu l-appogg.

Qalet li l-pulizija tan-Naxxar talbu l-assistenza tal-pulizija minn Birkirkara. Xhin Ryan Falzon kien qed jipponta subghajh lejha, ommha harget minn gol-kamra u imbuttatu biex ma jihux it-tifla. Sostniet li kienu l-Pulizija minn Birkirkara li hargu lil Dr. Ryan Falzon, lil Simone Falzon u lil Kurt Falzon barra. Dawn baqghu jghajjtu barra sakemm sar ir-rapport. Imbaghad hija u l-genituri taghha gewwa skortati mill-pulizija. Spjegat li meta kienet qed taghmel ir-rapport, kellha it-tifla f' idejha u kien hemm mejda quddiemha. Hija kienet bilqeghda taghmel ir-rapport. Xehdet li missierha ma ghamel xejn u baqa' fejn kien. Hija qalet li ommha kulma ghamlet imbuttat lil Ryan Falzon u ma ghamlet l-ebda manuvra fil-konfront ta' Simone Falzon. Sostniet li wara imma ndunat li ommha kellha l-hmura f' wiccha u dana peress li ommha qaltilha li Simone Falzon tatha daqqa f' wiccha. Sostniet li Ryan Falzon kien qed jheddidha u kien qed jitkellem b' lehen gholi u b' ghajjat. Insistiet li hija ma tat l-ebda daqqa lil Ryan Falzon, partikolarment minhabba l-fatt li hija kellha t-tifla f' idejha. Spjegat li meta hargu mill-ghassa, Kurt Falzon, Simone Falzon u Ryan Falzon bdew jghajjtu ghalkemm ma ghandix idea xi bdew jghidu.

In **<u>kontroezami,</u>** hija nsistiet li Ryan Falzon sostna li kien ser icempel il-Kwartieri tal-pulizija u jirraporta lil PS 1021. Sostniet li hija kienet bejn zewg *desks*. Sostniet li meta ommha mbuttat lil Ryan Falzon, dan gie kwazi hdejha.

**Ikkunsidrat:**

L-imputat huwa akkuzat ai termini ta' l-artikolu 338(dd) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe' dik ta' min "*b' xi mod iehor mhux imsemmi band' ohra f' dan il-Kodici , jikser volontarjament il-buon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku.*"

Illi kif gie ritenut minn din il-Qorti fl-Appell Kriminali : "Il-Pulizija vs. Alfred Pisani" [5.5.1995] ir-reat kontemplat fl-artikolu 338 (dd) tal-Kodici Kriminali javverra ruhu meta jkun hemm dak li fil-"common law" Ingliza kien jissejjah "a breach of the peace" . Bhala regola jkun hemm din il-kontravvenzjoni meta jkun

hemm ghemil volontarju li minnu nnifsu jew minnhabba c-cirkostanzi li fihom dak l-ghemil isehh, inissel imqar minimu ta' inkwiet jew thassib f' mohh persuna (li ma tkunx l-akkuzat jew l-imputat) dwar l-inkolumita' fizika ta' persuna jew dwar l-inkolumita' ta' proprjeta' , kemm b' rizultat dirett ta' dak l-ghemil jew minnhabba l-possibilita' ta' reazzjoni ghal dak l-ghemil.

Fl-Appell Kriminali "Il-Pulizija vs. Paul Busuttil" [23.6.1994] imbaghad gie ritenut li din l-ekwiparazzjoni ta' dan ir-reat mal-kuncett Ingliz ta' "breach of the peace" tirrisali ghal zmien Sir Adriano Dingli li proprju f' kawza deciza minnu fl-10 ta' Gunju, 1890 , fl-ismijiet : "Ispettore Raffaele Calleja v. Paolo Bugeja et." kien qal hekk :-

*"Che il buon ordine e la tranquillita' pubblica sta nella sicurezza , o nella opinione ferma della sicurezza sociale , -- nel rispetto dei diritti e dei doveri sia degli individui in faccia all' autorita' pubblica , sia degli individui stessi fra loro , e ogni atto che toglie o diminuisce la opinione della sicurezza pubblica , o della sicurezza individuale , e' violazione dell' ordine pubblico , independentemente dalla perpetrazione di altro reato." (Kollez. Vol. XVII, p.47, 475).*

Fl-istess sentenza ta' Paul Busuttil gew citati b'approvazzjoni McCall Smith u Sheldon li, fil-ktieb taghhom "Scots Criminal Law" (Edin. Butterworths, 1992) , jghidu :-

"*The essence of the offence is the causing of alarm in the minds of the lieges. This alarm has been variously defined by the Courts. In Ferguson v. Carnochan (1889) it was said not necessarily to be "alarm in the sense of personal fear, but alarm lest if what is going on is allowed to continue it will lead to the breaking of the social peace". Alarm may now be too strong a term :*

*in Macmillan v. Normand (1989) the offence was committed when abusive language caused "concern" on the part of policemen at whom it was directed." (p.192) .*

u dik il-Qorti ziedet tghid li :-

"*Naturalment huwa kwazi impossibbli li wiehed jiddeciedi aprioristikament x' jammonta jew x' ma jammontax f' kull kaz ghar-reat ta' ksur volontarju tal-buon ordni u l-kwiet tal-pubbliku. Kif jghid awtur iehor Skocciz , Gerald H. Gordon , fit-test awtorevoli tieghu "The Criminal Law of Scotland" (Edinburgh, 1978):*

*"Whether or not any particular acts amount to such a disturbance is a question of fact depending on the circumstances of each case , and strictly speaking probably no case on breach of the peace can be regarded as an authority of general application." (p.985,para.41-01).*

U aktar 'l quddiem l-istess awtur jghid :-

*"…although it has been held not to be a breach of the peace merely to annoy someone such annoyance could amount to a criminal breach of the peace if the circumstances were such that it was calculated to lead actual disturbance ." (p.986, para. 41-04)."*

**Ikkunsidrat;**

Il-Qorti fliet l-affidavits prodotti mill-ufficjali tal-pulizija. Gharblet ix-xhieda moghtija mix-xhieda *viva voce.* Fic-cirkostanzi, tqies li l-prosekuzzjoni rnexxielha tipprova sal-grad rikjest mil-ligi illi kien hemm ghemil volontarju li minnu nnifsu jew minnhabba c-cirkostanzi li fihom dak l-ghemil isehh, nissel minimu ta' inkwiet jew thassib f' mohh persuna (li ma tkunx l-akkuzat jew l-imputat) dwar l-inkolumita' fizika ta' persuna jew dwar l-inkolumita' ta' proprjeta' , kemm b' rizultat dirett ta' dak l-ghemil jew minnhabba l-possibilita' ta' reazzjoni ghal dak l-ghemil.

**Decide**

**Ghaldaqstant, il-Qorti wara li rat l-artikolu 338(dd) tal-kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed issib lil imputat hati ta' l-imputazzjoni u qeghda twissih dwarha.**

**Magistrat Simone Grech**